MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 92/1997/1

**Luciano Martinelli, ghan-nom u**
**fl-interess ta' Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Saviour Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur nomine is-somma komplessiva ta' (Lm345) tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltin, kwantu ghal tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320) prezz ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenajta, kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ta' interessi kummercjali.  Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
2. Fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova l-kreditu tieghu.

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-istess Qorti fis-16 ta' Novembru 1999 (ara fol 18 tal-atti) u li, biha, giet michuda l-eccezzjoni preliminari kif sottomessa mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-meritu ta' din il-kawza Luciano Martinelli, anke permezz ta' dokumenti (fol 21 sa fol 34 u fol 40 sa fol 43 tal-istess atti) ikkonferma illi s-socjeta attrici kienet tbiegh lill-konvenut diversi oggetti, kif specifikati fl-istess xhieda, sabiex dan jbieghhom mill-hanut gestiti minnu, fil-perjodu ta' zmien in esami, liema hanut, aktarx, ma kienx ghadu miftuh. L-istess xhud semma', fix-xhieda tieghu, illi l-oggetti in kwistjoni kienu jinxtraw, bl-ingrossa, mill-konvenut. Fl-ahharnett, l-istess xhud, spicca biex jghid illi l-ammont ta' Lm320, oltre dak ta' Lm25, kienu ghadhom dovuti bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut u imghaxijiet kummercjali rispettivament, dan tal-ahhar sad-data tal-presentata tal-avviz in esami cjoe sat-22 ta' Jannar 1997.

Illi l-konvenut, meta xehed, semplicement, qal, testwalment, "Jiena lill-attur nomine ma jidhirlix li ghandi naghtih xi haga". Jigi ukoll sottolineat illi, b'referenza ghall-eccezzjoni fil-meritu, sottomessa mill-konvenut, dan qal biss, illi l-attur "… ghandu jipprova l-kreditu tieghu".

Ikkunsidrat

Illi, milll-premess, jidher evidenti li tali prova saret u, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' Lm345 bl-imghax kummercjali mit-23 ta' Jannar 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------